MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Numru 1276/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Carmel Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Falzon ta' 45 sena, bin Andrew u Josephine nee' Mifsud, imwieled Qormi fis-16 ta' Settembru 1962, residenti f' 100, Triq l-Iskola, Fgura, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 593662(M) gie akkuzat talli:

f’dawn il-Gzejjer, f’xi perjodu f’Marzu 2006, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna ohra, sabiex iggieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghad-dannu ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AG3 u nnutat li l-imputat Carmel Falzon m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li l-imputat ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha.

Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fit-Tahrika sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li ma gew inkorsi l-ebda spejjez, talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 121A(1), 308, 309 u 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carmel Falzon, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l- imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u l-imputat ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha tillibera lill-istess imputat Carmel Falzon taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Carmel Falzon ghall-piena ta' mitt Liri Maltin (Lm100) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska ta' Dok. AG4. Inoltre l-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Falzon l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------